# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM il-Ħamis, 14 ta' Jannar, 2016

**Kawża Nru 10**

**Ċitazz. Nru. 787/05JRM**

**MED DEVELOPMENT SERVICES LIMITED (**C – 23824)

vs

**ŻURRIEQ FOOTBALL CLUB**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Awwissu, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (i) tikkundanna lill-assoċjazzjoni mħarrka tħallasha s-somma ta' sbatax-il elf ħames mija u sebgħa u tletin Lira Maltija u ċenteżmu (Lm 17,537.01)[1] flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-istess somma b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv, rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet ta' titjib u tisbiħ ta' *Club House* tal-assoċjazzjoni mħarrka u l-

[1] Li jġibu €40,850.24 fi flus tal-lum

provvista ta' tagħmir, flimkien mat-Taxxa tal-Valur Miżjud fuq l-imsemmi bilanċ. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Awwissu, 2005, li bih ordnat in-notifika lill-assoċjazzjoni mħarrka u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-6 ta' Diċembru, 2005, li biha l-assoċjazzjoni sportiva mħarrka laqgħet għat-talba attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepiet il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll li hija ma kellha l-ebda rabta legali mal-kumpannija attriċi u jmissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-kawża. Talbet ukoll is-sejħa fil-kawża ta' Joseph Farruġia u Joseph Bonniċi li magħhom il-kumpannija attriċi kienet ftehmet. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2006[2], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Frar, 2007[3], li bih ċaħdet it-talba tal-assoċjazzjoni mħarrka għas-sejħa fil-kawża ta' Joseph Farruġia u Joseph Bonniċi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda l-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju fit-2 ta' Diċembru, 2008[4], li bih il-partijiet iddikjaraw li ma kienx fadlilhom provi oħrajn x'iressqu u ngħataw żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Diċembru, 2008[5], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Rat in-Nota ta' Sottomisjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fl-1 ta' April, 2009[6];

---

[2] Paġ. 77 tal-proċess
[3] Paġ. 87 tal-proċess
[4] Paġ. 289 tal-proċess
[5] Paġ. 301 tal-proċess
[6] Paġġ. 304 – 310 tal-proċess

Rat li l-assoċjazzjoni mħarrka baqgħet ma ressqet l-ebda sottomissjonijiet bi tweġiba minkejja li ngħatat żmien aktar minn biżżejjed biex tagħmel dan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet imwettqa u tagħmir konsenjat. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "MDS") wettqet xogħlijiet ta' titjib u tisbiħ fis-sedi tal-assoċjazzjoni mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "ZFC") fuq talba ta' din tal-aħħar u qiegħda titlob il-ħlas tas-somma bilanċjali li ZFC baqgħet ma ħallsitx, minkejja li mitluba wkoll b'att ġudizzjarju, flimkien mal-imgħaxijiet miġmugħa fuq l-imsemmi bilanċ. MDS tgħid li l-prezz kollu tax-xogħol imwettaq u t-tagħmir konsenjat kien ilaħħaq it-tnejn u sittin elf mija u ħamsa u sebgħin Lira Maltin u tlieta u tmenin ċenteżmi (Lm 62,175.83)[7] li minnhom ZFC ħallset biss is-somma ta' sitta u erbgħin elf disa' mija u sitta u għoxrin Lira Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmi (Lm 46,926.25)[8]. Is-somma mitluba fl-Att taċ-Ċitazzjoni hija magħmula mill-bilanċ li baqa' ma tħallasx biż-żieda tat-Taxxa tal-Valur Miżjud maħduma bil-ħmistax fil-mija (15%);

Illi għal din l-azzjoni, ZFC laqgħet billi, b'mod preliminari, eċċepiet il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll li hija ma kellha l-ebda rabta legali mal-kumpannija attriċi u jmissha tinħeles milli tibqa' aktar fil-kawża. Talbet ukoll is-sejħa fil-kawża ta' Joseph Farruġia u Joseph Bonniċi li magħhom il-kumpannija attriċi kienet ftehmet. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'xi żmien fl-ewwel xhur tal-2001, ZFC talbet stima mingħand MDS biex tagħmel xogħol fil-binja u l-provvista ta' tagħmir ġol-fond numru tletin (30), Triq il-Kbira, Żurrieq, li huwa s-sede tal-istess ZFC[9]. Billi min talab ix-xogħol wera li kien mixtieq li x-xogħol isir b'ħeffa qabel il-festa[10], MDS ipprovdiet

[7] Li jġibu € 144,830.72 fi flus tal-lum
[8] Li jġibu € 109,308.76 fi flus tal-lum
[9] Xhieda ta' Vincent Bellizzi 18.1.2008, f'paġ. 198 tal-proċess
[10] Affidavit ta' Jason P Vella f'paġ. 50 tal-proċess

l-istima f'Ġunju tal-2001[11]. In-negozjati saru ma' Joseph Farruġia li dak iż-żmien kien il-President ta' ZFC, u Joseph Bonniċi, membru tal-Kumitat ta' ZFC. Rappreżentant ta' MDS fisser ix-xogħlijiet maħsuba u l-istima tagħhom lil Farruġia u lill-Kumitat imlaqqa' ta' ZFC[12];

Illi għalkemm mhux bil-qbil ta' kulħadd[13], il-Kumitat ta' ZFC bagħat jgħarraf lil MDS li kien laqa' l-istima u talab li x-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis. Biex jitħallas ix-xogħol, ZFC ħadet self minn bank[14] u kienet issejħet ukoll Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex jinbidel l-istatut ta' ZFC ħalli jkun jista' jintalab is-self[15]. Is-self kien intalab sewwasew biex ikun jista' jsir il-proġett ta' titjib u tisbih fil-każin[16];

Illi, min-naħa tagħha, MDS ħatret Perit Arkitett bħala '*project manager*'[17] biex jissorvelja x-xogħol u jiddeterieġi l-aspetti tekniċi marbutin max-xogħlijiet mitluba, u qabbdet nies oħrajn tas-sengħa biex jagħmlu x-xogħlijiet skond il-ħtieġa[18]. Lil dawn ħallsithom hi;

Illi x-xogħol miftiehem kellu jsir fuq żewġ fażijiet. L-ewwel fażi kienet maħsuba li tkopri xogħlijiet u tqegħid ta' tagħmir fil-livell terran u fil-bottegin u r-ristorant ta' ZFC u dan kien mistenni li jintemm sa qabel ma tasal il-festa. Il-fattura tax-xogħlijiet fl-ewwel fażi ngħatat lil ZFC fit-18 ta' Awwissu, 2001[19];

Illi t-tieni fażi tal-proġett kienet maħsuba li tkopri xogħlijiet fl-ambjenti l-oħrajn tal-pjan terren u fl-ewwel sular fejn kien ser ikun hemm l-uffiċini tat-tmexxija ta' ZFC, kliniki, sala tal-*aerobics* u kamra fejn wieħed ibiddel ('*changing room*')[20], u xogħlijiet fit-tieni sular tas-sedi fejn kien ser ikun hemm *gymnasium* u kamra fejn wieħed ibiddel[21]. Billi kien hemm il-ħsieb li l-każin ikun inawgurat lejn nofs Settembru, din it-tieni fażi wkoll kellha ssir b'ħeffa;

Illi x-xogħlijiet tal-ewwel fażi saru sa nofs Lulju tal-2001, minkejja li hu u għaddej ix-xogħol intalab xogħol ieħor jew sar xi bdil tax-xogħol oriġinali stmat[22] u minkejja li MDS kellha żżomm mad-data miftehma qabel il-festa. Meta MDS ħarġet il-fattura tax-xogħol magħmul fl-ewwel fażi, kien

[11] Dok "Q1" f'paġġ. 5 sa 12 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Carmel Cutajar 30.5.2007, f'paġġ. 107 u 109 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Baskal Farruġia 19.10.2007, f'paġġ. 154 – 5 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Vincent Gauċi 19.10.2007, f'paġ. 160 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Vincent Bellizzi 18.1.2008, f'paġ. 200 tal-proċess
[16] Ara Dok "JBC", f'paġġ. 270 – 3 tal-proċess
[17] Affidavit tal-A.I.Ċ. Joseph Falzon f'paġġ. 92 – 4 tal-proċess
[18] Dok "NB" u "MF", f'paġġ. 95 – 6 tal-proċess
[19] Dok "A", f'paġġ. 13 sa 28 tal-proċess
[20] Dok "B1" f'paġġ. 29 sa 37 tal-proċess
[21] Dok "B2", f'paġġ. 38 sa 45 tal-proċess
[22] Dok "D1", f'paġġ. 47 – 9 tal-proċess

hemm rejazzjoni minn ZFC għaliex il-valur tax-xogħol mitlub u mogħti tela' ħafna aktar minn dak ix-xogħol li kien stmat;

Illi MDS ingħatat assikurazzjoni li ZFC kienet sejra tagħmel tajjeb għall-ħlas u li ma kienx ikun għaqli għal MDS li twaqqaf ix-xogħol tat-tieni fażi għaliex kienu jinħalqu problemi biex titħallas il-bilanċ[23];

Illi ZFC spiċċat ħallset b'kemm illum iġibu s-somma ta' mija u disat elef tliet mija u tmien euro u sitta u sebgħin ċenteżmi (€ 109,308.76) fi ħlasijiet f'rati sa Diċembru tal-2001[24], għalkemm l-aħħar ħlasijiet inkisbu bi tbatija wara li kienu nħarġu *cheques* li għall-ewwel ma ssarrfux jew li kienu '*post dated*'. Kemm hu hekk, l-aħħar ħlas twettaq effettivament fi Frar tal-2002, meta l-bank bagħat jgħarraf lil MDS li l-aħħar *cheque* mogħti lilha seta' jissarraf;

Illi fl-1 ta' Ottubru tal-2003[25], MDS interpellat lil ZFC b'ittra uffiċċjali biex tħallasha l-bilanċ li kien għadu dovut flimkien mar-rata ta' Taxxa ta' Valur Miżjud marbut mal-imsemmi bilanċ. ZFC laqgħet in-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju, bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, fi Frar tal-2004;

Illi MDS fetħet din il-kawża fis-26 ta' Awwissu tal-2005;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' bixra legali li jsawru l-każ il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li l-ewwel tistħarreġ l-**eċċezzjonijiet preliminari** mqajmin minn ZFC. Dawn huma tlieta: (i) li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn; (ii) li ZFC mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi u (iii) li jmisshom jissejħu fil-kawża Joseph Farruġia u Joseph Bonniċi bħala l-persuna li magħhom MDS ftiehmet biex isiru x-xogħlijiet fil-każin;

Illi l-Qorti tibda biex issemmi minnufih it-tielet eċċezzjoni preliminari dwar it-talba għas-sejħa fil-kawża. Minħabba li dwar din it-talba l-Qorti kienet diġa' tat degriet fit-13 ta' Frar, 2007, li bih ċaħdet it-talba formalment magħmula minn ZFC f'rikors imressaq minnha, sejra tastjeni milli tqis aktar din l-eċċezzjoni li b'hekk tinsab eżawrita;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, ZFC tistrieħ fuq iż-żmien preskrittiv tas-sentejn maħsub fl-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar l-azzjonijiet tal-bennejja u tal-kuntratturi ta' bini jew ta'

[23] Affidavit ta' Jason P Vella f'paġ. 54 tal-proċess
[24] Ara Dok "Ċ", f'paġ. 46 tal-proċess
[25] Dok "PBC", f'paġġ. 90 – 1 tal-proċess

xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel jew materjal ieħor għax-xogħol tagħhom u għall-materjal li jfornu;

Illi ZFC ma tfissirx għaliex ressqet din l-eċċezzjoni u baqgħet qatt ma għamlet sottomissjonijiet dwarha (fil-fatt ma għamlet l-ebda sottomissjoni lanqas fuq il-mertu), iżda fl-istess waqt baqgħet ma irtirathiex;

Illi min-naħa tagħha, MDS twarrab l-imsemmija eċċezzjoni fuq il-bażi li ż-żmien imsemmi fl-artikolu tal-liġi ma kienx laħaq għadda qabel ma nfetħet din il-kawża;

Illi jibda biex jingħad li f'kull każ li titqajjem eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li fl-ewwel xogħol jiġi determinat minn meta l-preskrizzjoni tal-azzjoni għandha tibda titqies[26]. Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt kruċjali, għaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tiċħad l-eċċezzjoni[27];

Illi minbarra dan, hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni[28]. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq[29];

Illi ngħad ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla[30]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jidher ċar li l-kumpannija attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-eżistenza tal-kuntratt tal-appalt, u għalhekk jingħad li l-preskrizzjoni eċċepita minn ZFC taħt l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili għandha tiġi mistħarrġa fid-dawl tal-azzjoni kif mibnija. Dan ikun ifisser ukoll li jekk l-appalt allegat kien wieħed li l-verifika tiegħu ssir malli jsir l-aħħar kejl, l-eżerċizzju kollu jitqies bħala ħaġa waħda[31] u mhux bħala għadd ta' ħatriet. Ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju dwar jekk l-artikolu msemmi jgħoddx għall-każ[32];

[26] Art. 2137 tal-Kap 16
[27] Ara App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et***. (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[28] App. Kumm **15.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)
[29] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Guido Vella vs Emanuel Ċefai*** (mhix pubblikata)
[30] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Testaferrata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm. **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe*** (Mhix pubblikata)
[31] Art 1637 tal-Kap 16
[32] Ara App. Inf PS **5.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Thomas Montaldo***

Illi ngħad li l-preskrizzjoni dwar appalt tapplika għall-każijiet fejn persuna twettaq ħidma spekulattiva li r-riskju tagħha jibqa' fil-persuna li tagħmel ix-xogħol sakemm issir il-kunsinna[33], u għalhekk biex preskrizzjoni tista' tirnexxi fuq dak l-artikolu jrid jintwera li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' appalt[34], u mhux sempliċi kuntratt ta' bejgħ ta' biċċa xogħol[35];

Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa meħlus milli jressaq provi konvinċenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tiegħu;

Illi dik li ZFC qegħeda tinvoka favur tagħha hija waħda mill-preskrizzjonijiet "il-qosra", u partikolarment dik tas-sentejn. Minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-parti mħarrka u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "*tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva*"[36];

Illi meta qieset il-fatti kollha riżultanti, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa. Dan jingħad għaliex huwa magħruf li ħlas akkont jikser iż-żmien tal-preskrizzjoni[37] u ntwera li l-aħħar ħlas lil MDS sar fi Frar tal-2002. Ma laħqux għaddew sentejn bejn dakinhar li sar l-imsemmi ħlas akkont u d-data ta' meta ZFC laqgħet in-notifika tal-ittra uffiċjali li MDS bagħtitilha f'Ottubru tal-2003, u lanqas ma kien għadda dak iż-żmien bejn meta saret in-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali (meta, allura ż-żmien preskrittiv, reġa beda għaddej) u l-jum li fih MDS fetħet din il-kawża;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti sejra tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari u tqis li l-kawża saret f'waqtha;

Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari ZFC tgħid li MDS trid tipprova l-ħatra mogħtija lilha mill-assoċjazzjoni mħarrka fid-dawl tal-formalitajiet tal-istatut tagħha, għaliex jekk MDS ma tagħmilx dan, ikun ifisser li hija ikkuntrattat ma' persuni individwali u ZFC imissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża ladarba ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

[33] Kumm. **14.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi noe vs Delicata pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iii.710**)
[34] Kumm GOR **19.11.1974** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Giovanni Bonello noe vs AIC Joseph Xuereb et noe*** (Mhix pubblikata)
[35] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Formosa vs Salvu Debono*** (mhix pubblikata)
[36] App. Ċiv. **11.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)
[37] Art. 2134 tal-Kap 16

Illi MDS twarrab b'qawwa din l-eċċezzjoni wkoll billi tgħid li mill-provi mressqa u miċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-atti ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li ZFC hija l-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti ssib li MDS għandha raġun u li l-eċċezzjoni mhijiex tajba. Mill-atti joħroġ li sa minn qabel ma MDS ingħatat il-ħatra, il-kumitat direttiv ta' ZFC kien imdaħħal fl-istorja. Ħareġ li kien il-kumitat li awtorizza l-ħatra u li l-persuni li magħhom kien isir kuntatt kemm qabel u kif ukoll wara li nbeda x-xogħol kienu lkoll uffiċjali ta' ZFC jew membri tal-kumitat. Minbarra f'dan, ZFC ressqet talba f'isimha ma' bank biex tingħata l-faċilita' ta' self biex ikun jista' jsir il-proġett. Minbarra dan, il-fatt li x-xogħlijiet saru kollha fil-każin ta' ZFC ma jgħin bl-ebda mod biex il-Qorti tqis li ma kienx hemm rabta kuntrattwali jew ġuridika bejn MDS u ZFC. Biex ikun ingħad kollox, jidher li ZFC nediet ukoll proċeduri biex tibdel l-istatut tagħha mhux daqstant biex tkun tista' tqabbad lil MDS tagħmel ix-xogħlijiet, iżda sewwasew biex tkun tista' tinħareġ il-faċilita' bankarja maħsuba biex tiffinanzja x-xogħlijiet appaltati;

Illi għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni ma hija sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni attriċi** u l-eċċezzjoni mqajma minn ZFC għal dik l-azzjoni, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa ma jidhirx kontestat li MDS tabilħaqq wettqet ix-xogħol fis-sedi ta' ZFC u li dan ix-xogħol kien wieħed mifrux mal-binja kollha minn fuq sa isfel. Lanqas ma tqajjem xi lment dwar il-kwalita' ta' xogħol li sar. Lanqas ma jidher li huwa kontestat li x-xogħol mitlub sar kollu[38];

Illi jidher li l-kwestjoni kollha tinbena fuq jekk għal dak ix-xogħol għadx fadal ħlas x'isir tassew u, jekk dan huwa l-każ, min imissu jħallas;

Illi MDS ma għandha l-ebda tħassib dwar il-fatt li tassew li fadal ħlas x'isirilha u li dan għandu jsir minn ZFC. Min-naħa tagħha, ZFC tgħid li hija ma għad fadlilha l-ebda ħlas x'tagħti lil MDS u li jekk kemm-il darba għad fadal xi ħlas MDS taf dan il-ħlas mingħand ħaddieħor u mhux mingħandha. ZFC issejjes din id-difiża fuq tliet argumenti: (i) li x-xogħol kien stmat fuq somma globali għal proġett li kellu jkun '*turnkey*' fuq nefqa stabilita fl-ewwel stima li ma kellhiex taqbeż id-disgħa u tletin elf Lira Maltin (Lm 39,000) għal kulma kellu jsir u n-nefqiet marbuta ma' dak ix-xogħol[39]; (ii) li MDS ftehmet ma' persuni individwali (li għalkemm kellhom

[38] Xhieda ta' Joseph Farruġia 3.3.2008, f'paġ. 245 tal-proċess
[39] Xhieda ta' Joseph Farruġia 3.3.2008, f'paġġ. 217 sa 223 tal-proċess (fis-seduta ta' wara x-xhud irreveda l-istima globali għal madwar erbgħin jew wieħed u erbgħin elf Lira Maltin, xhieda tiegħu f'paġ. 253 tal-proċess)

karigi fl-assoċjazzjoni, innegozjaw għal rashom u ma rabtux lill-każin); u (iii) li MDS tħallset kulma kien miftiehem u saħansitra aktar minn dak ukoll;

Illi dwar l-ewwel argument, ZFC ressaq xhud (l-*ex* President) tiegħu li seħaq li ma' Jason Vella kien ftiehem fuq stima globali għax-xogħol kollu li kien mitlub li MDS tagħmel fil-każin. Dan ix-xhud jgħid li, saħansitra, dik l-istima kienet ingħatat bil-miktub u ma kienx maħsub li x-xogħol isir f'fażijiet (għalkemm aktar tard jidher li bidel din il-fehma wkoll[40]). Kemm hu hekk, is-self mitlub mill-bank kien marbut mal-istess somma stmata u, kieku kien mod ieħor, kien jintalab self akbar mill-bank. MDS tiċħad din l-allegazzjoni u tisħaq li l-istejjem tagħha kienu nħarġu skond il-fażijiet tax-xogħol li kellhom isiru, u li l-fatturi tax-xogħol li fil-fatt twettaq inħarġu fuq is-saħħa ta' stejjem differenti;

Illi jekk tabilħaqq ZFC riedet tistrieħ fuq dan l-argument, huwa minn ewl id-dinja li l-aktar ħaġa f'waqtha li kellha tagħmel kien li tressaq kopja tal-imsemmija stima miktuba li, wieħed jistenna, kien ikun fiha t-tagħrif kollu biex tipprova l-argument. Dan id-dokument kien isaħħaħ il-qagħda ta' ZFC u jxekkel bil-kbir il-pretensjonijiet ta' MDS. Ġara, iżda, li għalkemm ingħatat xhieda li d-dokument (stima) kien inżamm minn ZFC, din baqgħet ma ressqitx kopja tiegħu;

Illi fin-nuqqas ta' prova hekk siewja u meħtieġa, il-Qorti tara li ZFC ma tistax tibqa' tistrieħ aktar fuq dan l-argument u għalhekk lanqas ma tista' toqgħod fuq is-sottomissjoni li MDS kienet tat minn qabel prezz wieħed u fiss tax-xogħlijiet kollha li kellha tagħmel fis-sede ta' ZFC, u li kellha titħallas sal-ogħla ammont ta' dik l-istima, sar kemm sar xogħol;

Illi, għall-kuntrarju, MDS ressqet provi dokumentali[41] li juru stejjem tal-proġett kollu fuq fażijiet u li hija tgħid li għaddiet lil rappreżentant ta' ZFC biex għaddihom lill-Bank ħalli jkun jista' jitlob il-ħruġ tal-faċilita' bankarja għall-finanzjament, imqar jekk mhux sħiħ, tal-proġett tax-xogħlijiet li kellhom isiru fil-każin[42]. Dan jingħad minbarra l-istejjem li saru fil-bidu ta' Ġunju tal-2001, bir-rati tax-xogħol mehmużin magħhom[43]. Dawn il-provi jmieru mhux biss l-argument ta' stima waħda bi prezz fiss minn qabel imma wkoll kemm kien diġa' maħsub li jqumu x-xogħlijiet kollha ladarba l-proġett ikun tlesta;

[40] *Ibid.* f'paġ. 239 tal-proċess
[41] Dokti "PBC1", "PBC2" u "JBC", f'paġġ. 250 – 1 u 270 – 3 tal-proċess
[42] Xhieda ta' Joseph Borġ Cardona 13.5.2008, f'paġġ. 274 – 5 tal-proċess
[43] Ara Dok "Q1" f'paġġ. 5 sa 12 tal-proċess

Illi dwar it-tieni argument ZFC tgħid li Joseph Farruġia u Joseph Bonniċi kienu ħadu r-riedni f'idejhom u tkellmu waħedhom ma' MDS bla ma b'hekk rabtuha b'dak li sar ftehim dwaru. Kien għalhekk li talbu s-sejħa fil-kawża tal-imsemmija Farruġia u Bonniċi;

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument ta' ZFC u kien għalhekk ukoll li ma laqgħetx it-talba ta' l-assoċjazzjoni mħarrka biex tordna s-sejħa fil-kawża tal-imsemmija żewġ persuni. Dan qiegħda tgħidu għaliex, fl-ewwel lok, huwa evidenti li Farruġia u Bonniċi kienu qegħdin jitkellmu f'isem il-Kumitat li tiegħu, dak iż-żmien, huma kienu l-President u l-"Viċi" tiegħu rispettivament. Fit-tieni lok, mill-provi ħareġ li, kemm qabel ma tqabbdet MDS u kif ukoll meta ngħatat il-ħatra, l-organi ta' ZFC kienu mdaħħlin mhux biss biex jaraw x'xogħlijiet kien fi ħsiebhom jagħmlu fis-sede, iżda wkoll biex isiru l-bidliet meħtieġa fl-istatut biex saħansitra tinkiseb il-faċilita' bankarja biex tkopri n-nefqa tal-proġett. Fit-tielet lok, ix-xogħlijiet li dwarhom MDS qiegħda titlob il-ħlas bilanċjali saru kollha fis-sede ta' ZFC. Fir-raba' lok, ix-xogħlijiet ibbenefikat minnhom ZFC u mhux l-individwi li mexxew in-negozjati ma' MDS[44]. Fil-ħames lok, il-ħlasijiet akkont li saru lil MDS saru minn ZFC, fil-biċċa l-kbira minnhom permezz ta' *cheques* miġbuda kontra l-faċilita' bankarja mogħtija lill-istess ZFC;

Illi dwar it-tielet argument ZFC tgħid li, minbarra l-ħlas tas-somma oriġinali li kienet stmata minn MDS, ZFC ħallset ukoll ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) aktar[45];

Illi hawnhekk ukoll, il-Qorti tqis li ma tistax toqgħod fuq dan l-argument ta' ZFC. Fl-ewwel lok, diġa' ntwera li ma huwiex minnu li MDS kienet intrabtet minn qabel bi prezz fiss għax-xogħlijiet kollha u għat-tagħmir kollu li kellha tissupplixxi. Fit-tieni lok, li kieku kien tassew minnu li kien hemm ftehim fuq prezz wieħed u sħiħ, ma jagħmel l-ebda sens u żgur ixellef il-konsistenza li mbagħad jingħad li 'l fuq mill-prezz miftiehem, ZFC għażlet li tħallas somma żejda;

Illi għaldaqstant, il-Qorti ma hijiex sejra toqgħod fuq l-argumenti difensjonali mqajmin minn ZFC fl-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu. Mill-bqija, ZFC ma ressqitx argumenti tajbin u siewja biex tikkontesta x-xogħol lilha mogħti jew il-kwalita' tiegħu. Għall-kuntrarju, jidher li l-qofol tan-nuqqas ta' qbil u r-raġuni ewlenija, jekk mhux waħdanija, li minħabba fiha MDS kellha tiftaħ din il-kawża kienet minħabba li ZFC ma kellhiex biex tħallas il-bilanċ mitlub. Minbarra dan, lanqas ippruvat tattakka l-

[44] Xhieda ta' Vincent Bellizzi 18.1.2008, f'paġ. 201 tal-proċess
[45] Xhieda ta' Joseph Farrruġia 3.3.2008 u 27.3.2008, f'paġġ. 218 u 255 tal-proċess

kontenut tal-kontijiet maħruġa li, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti sejra tqis li jagħtu stampa fidila tax-xogħlijiet u n-nefqiet li saru biex twettaq il-proġett tal-każin;

Illi MDS ressqet xhieda li turi li, f'xi żmien, il-President ta' ZFC kien għamel offerti ta' ħlas mod ieħor lil rappreżentant tagħha bit-tama li jinqata' l-bilanċ. ZFC ma ipprovat bl-ebda mod twaqqa' din ix-xhieda. Fil-fehma tal-Qorti, dawn it-tentattivi jixhdu li lanqas kien hemm kontestazzjoni li l-bilanċ li MDS qiegħda tippretendi kien tabilħaqq mistħoqq. Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li ħlasijiet magħmula minn ZFC b'*cheques* ma bdewx ikunu aċċettati mill-ewwel mill-Bank u ddawwar it-tisrif tagħhom b'xi xhur. Għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi jixhdu li l-problema tassew kien nuqqas ta' flus u mhux nuqqas min-naħa ta' MDS fit-twettiq tax-xogħol li tqabbdet tagħmel;

Illi minħabba dak li ssemma aktar qabel, il-Qorti tasal għall-fehma wkoll li l-bilanċ mitlub minn MDS huwa magħmul minn bilanċ ta' ħamsa u tletin elf ħames mija u wieħed u għoxrin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€ 35,521.97)[46], flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur miżjud fuq l-imsemmi bilanċ li titla' għal ħamest elef tliet mija u tmienja u għoxrin euro u tletin ċenteżmi (€ 5,328.30)[47];

Illi għalhekk, il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li saru qabel, sejra tilqa' t-talba attriċi li ntwera li hija tajba u mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tal-assoċjazzjoni mħarrka għaliex ma humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi l-kawża tressqet f'waqtha u billi l-istess assoċjazzjoni mħarrka hija l-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tielet eċċezzjoni** fid-dawl tad-degriet tagħha tat-13 ta' Frar, 2007;

**Tilqa' t-talba attriċi** u ssib li l-assoċjazzjoni mħarrka għandha tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' erbgħin elf tmien mija u ħamsin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€40,850.27) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' xogħlijiet u konsenja ta' tagħmir magħmul mill-kumpannija attriċi lill-assoċjazzjoni mħarrka, fuq talba ta' din u għall-benefiċċju tagħha, fis-

[46] Li tasal għalih meta tnaqqas il-ħlasijiet kollha magħmula mill-valur sħiħ tax-xogħol imwettaq (€ 144,830.13 - € 109,308.16)
[47] €35,521.97 x 0.15 = €5,328.30

sede tagħha f'numru tletin (30), Triq il-Kbira, Żurrieq, u r-rata ta' Taxxa dwar il-Valur Miżjud fuq il-bilanċ;

**Tordna** lill-assoċjazzjoni mħarrka li tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma msemmija ta' erbgħin elf tmien mija u ħamsin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€40,850.27) flimkien mal-imgħax legali fuqha b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Torda** wkoll li l-assoċjazzjoni mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**14 ta' Jannar, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**14 ta' Jannar, 2016**